# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 6 ta' Dicembru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 78 / 16RGM

Kawza fil-lista: 13

**X Y**
**vs**
**Direttur Registru Pubbliku;**
**T Z f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri K Z nomina b'digriet datat 14 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur X Y u l-konvenuta T Z nhar id-disa' (09) ta' Frar elfejn u tmienja (2008) kellhom wild gewwa l-isptar Mater Dei, liema wild, illum minuri, jisimha K Z;

2. Illi minkejja illi fic-certifikat tat-twelid relattiv gie dikjarat illi missier it-tarbija 'mhux maghruf', fil-verita` il-minuri K Z giet konceputa minn relazzjoni illi l-konvenuta T Z kellha ma' l-attur X Y;

3. Illi l-attur ghandu interess illi tigi dikjarata il-paternita` reali tal-minuri K Z;

4. Illi huwa anke fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi stabbilita il-paternita` ta' l-istess minuri;

5. Illi l-paternita` tal-minuri K Z tista' tigi determinata u ppruvata permezz ta' provi genetici, kif talvolta diga sar bil-kunsens tal-kovenuta T Z;

6. Illi f'dan l-ispirtu, l-attur permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1675/2015 u debitament notifikata lill-konvenuta nhar l-14 ta' Mejju 2015, iddikjara illi huwa bi hsiebhu japplika sabiex jigi maghruf bhala l-missier ta' l-istess wild, u dan ai termini artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi minkejja s-suespost, il-konvenuta naqset li tirrispondi l-ittra ufficali fuq imsemmija fi zmien xahrejn, ghaldaqstant l-attur ma kellux triq ohra hlief li tiftah din il-kawza;

Ghaldaqstant jghidu ghalhekk il-konvenuti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-attur X Y;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri K Z billi jitnizzlu d-dettalji tal-missier naturali, u senjatament id-dettalji tal-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tirrileva illi l-procedura adottata mir-rikorrent ma kinitx wahda gusta u dana stante li l-ittra ufficjali intavolata minnu kellha ssir fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u mhux fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili u kien ghalhekk illi l-esponenti baqghet qatt ma wiegbet ghall-istess;

Illi konsegwentement il-proceduri odjerni huma nulli u ma setghux jigi proposti u dan stante li ma gietx segwita l-procedura ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fit-tieni lok u rninghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-imsemmija ittra ufficjali intavolata mir-rikorrent, huwa naqas milli jinterpella lill-esponenti sabiex tersaq ghar-rikonoxximent formali tal-minuri u effettivament m'ghamel l-ebda talba, tramite l-istess;

Illi minghajr preguduzju ghas-suespost, u dwar il-mertu, l-esponenti tirrileva illi huwa minnu li hi, il-minuri u r-rikorrent issottomettew rwiehhom ghat-testijiet genetici fis-sena 2008 hekk kif appena twieldet il-mninuri; madanakollu

nonostante t-trapass ta' 8 snin shah, l-esponent m'ghamel xejn biex jirregola l-posizzjoni tieghu u dan l-ghaliex huwa effettivament qatt ma kellu interess reali fil-minuri bint u qatt ma ried jassumi r-responsabbiltajiet tieghu;

Illi bhala stat ta' fatt, ir-rikorrent ghamel xhur u gieli anke snin minghajr ma jitlob li jara lill-bintu u minghajr ma jmantniha u stante l-karattru xejn affidabbli tieghu, l-esponenti qatt ma insistiet li l-minuri tigi rregistrata fuq ir-rikorrent ghax hasset li ma kienx fl-ahjar interess taghha u dan tenut kont tal-fatt illi ghall-perjodi twal huwa ghazel li lanqas biss jaraha;

Illi effettivament kien biss recentement illi huwa talab biex jirregola l-posizzjoni legali tieghu, u l-esponenti kienet disposta illi taghmel dan, basta illi huwa jkun dispost illi jerfa' wkoll ir-responsabbilitajiet tieghu bhala missier. Effettivament l-esponenti kien minghalija li qed tistenna kontroproposti minghand ir-rikorrent dwar il-manteniment tal-minuri; madanakollu l’ ghaliex huwa qed jippretendi illi jivversa biss is-somma ta' Eur 100 li tinkludi l-ispejjez kollha tal-istess bint, huwa ghazel illi minflok jintavola l-kawza odjerna;

Illi fir-rigward tat-talbiet, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti, madanakollu hija topponi li l-minuri K ghandha tkun maghrufa bil-kunjom "Y". L-esponenti tissottometti illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li llum ghandha tmin snin u tifhem ben sew dak li qed jigri, li hija tibqa' maghrufa bil-kunjom "Z".

Finalment, l-esponenti qed topponi wkoll ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u tikkontendi li dawn ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent, gjaladarba huwa naqas milli jsegwi l-procedura idonea.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jinileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ;

3. Illi l-esponent jistqarr li ghalkemm ir-rikorrent ipprezenta r-rapport ta' testijiet genetici li jindikaw li huwa il-missier naturali tal-minuri K Z ai termini

tal-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar;

4. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponenti jistieden lill-attur X Y sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom. (2) id-dokument tal-Identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieldet il-minuri K, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla K. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmija K;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri K a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' April 2016 fejn hatret lill-konvenuta T Z bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2016 li bih awtorizzat lil Dr. Marisa Cassar sabiex tahlef fir-registru r-rapport tad-DNA minnha maghmul fil-11 ta' Novembru 2008 li jinsab esebit a fol. 6 *et seq.* tal-process;

Rat illi dan ir-rapport gie debitament mahluf minn Dr. Marisa Cassar fit-3 ta' Novembru 2016;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2016 fejn gharrfet lill-partijiet illi fl-eventwalita` li jonqsu milli jipprezentaw nota kongunta fi zmien xahar dwar x'ghandu jkun il-kunjom tal-minuri wara d-decizjoni tal-Qorti f'din il-kawza, sejra tikkunsidra li kunjom il-minuri ikun "Y Z";

Rat id-dikjarazzjoni registrata waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2017 bil-konnotati ta' l-attur b'referenza ghar-raba' paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-31 ta' Jannar 2017, il-partijiet irrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti dwar il-kunjom li ghandha tiehu l-minuri wara s-sentenza ta' filjazzjoni f'din il-kawza;

Rat illi waqt l-udjenza ta' l-14 ta' Novembru 2017, il-konvenuta irtirat l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni preliminari taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat;

In tema legali jinghad illi l-**Artikolu 86 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:-

"**86.** *It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik irreġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti*

*tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

L-**Artikolu 100A** jipprovdi hekk:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

L-**Artikolu 70A** fil-parti relevanti ghal din il-kawza, jipprovdi illi:

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -*
*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*
*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*
*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

Ikkunsidrat;

Illi galadarba l-konvenuta irtirtat l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari sollevati fir-risposta guramentata taghha, jifdal biss li tigi deciza l-paternita` tal-minuri u l-kunjom li ghandha tassumi l-minuri wara s-sentenza f'din il-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi mar-rikors promotur giet annessa bhala Dok. 2 kopja ta' rapport maghmul minn Dr. Marisa Cassar fil-11 ta' Novembru 2008 li minnu jirrizulta li ngabru il-kampjuni orali ta' X Y, T Z u l-minuri K Z fil-5 ta' Novembru 2008 sabiex jistghu jsiru t-testijiet ta' DNA (*paternity test*) u li jikkonferma li mit-testijiet li saru jirrizulta illi l-probabbilita` li l-attur X Y huwa l-missier bijologiku tal-minuri K Z hija ta' 99.9999% . Dan ir-rapport gie mahluf bil-gurament ta' l-istess Dr. Marisa Cassar fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru 2016 hekk kif awtorizzata permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2016.

Illi ghalhekk, mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti mill-ligi sabiex l-attur jigi dikjarat li huwa l-missier naturali tal-minuri K Z, gew pjenament sodisfatti. Ir-

rapport dwar it-testijiet genetici li saru, ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Cassar, ftit ihalli dubju li l-attur X Y huwa l-missier naturali tal-minuri K Z, u dan ghandu jigi rifless fl-att tat-twelid taghha.

Ikkunsidrat;

Billi l-partijiet ma qablux dwar il-kunjom li ghandha tiehu l-minuri fl-att tat-twelid wara l-filjazzjoni dikjarata bis-sahha ta' din is-sentenza, u billi b'verbal registrat waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2017 irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti, il-Qorti sejra tiddeciedi hija stess x'ghandu jkun il-kunjom tal-minuri.

**Il-konvenuta qed titlob li kunjom il-minuri jkun "Z Y", filwaqt illi l-attur jixtieq illi kunjomha jkun "Y Z"[1].**

Skond l-**Artikolu 92(1) tal-Kodici Civili:-**

**92**(1) *Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:*

…

*Iżda, meta tifel li jkun ġie mwieled barra ż-żwieġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso jiġi magħruf mill-missier wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, permezz tal-proċedura stabbilita fl-artikolu 86 u l-missier u l-omm ikunu jixtiequ li b'żieda mal-kunjom tal-missier jiġi miżjud kunjom l-omm, referenza għal dan il-fatt għandha ssir fl-ittra uffiċjali u fin-nota relattiva msemmija fl-artikolu 86:*

*Iżda wkoll, jekk l-omm tixtieq li żżid kunjomha ma' dak tal-missier, trid issir referenza fin-nota relattiva msemmija fl-artikolu 86, anke jekk il-missier ma jkunx wera din ix-xewqa fl-ittra uffiċjali. F'dan il-kaz però, in-nota għandha tiġi notifikata lill-missier li jkollu ħamest ijiem utli, min-notifikazzjoni, sabiex jopponi, jekk iqis li din iż-żieda ta' kunjom l-omm mal-kunjom oriġinali mhijiex fl-interess tal-minuri. Jekk il-missier ma jopponix din it-talba, id-Direttur jgħaddi sabiex jirreġistra l-kunjom fl-att relattiv:*

*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:*

---

[1] Ara fol. 31

…

*(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu dikjarazzjoni ta' paternità b'sentenza tal-qorti għandu jkollha l-istess effett bħal tagħrif.* [sottolinejar tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Illi il-Qorti tqis illi fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward, u b'applikazzjoni tal-presunzjoni legali in materja, il-minuri ghandha tiehu l-kunjom tal-missier, cioe` "Y". Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha, il-Qorti m'hijiex konvinta li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li tassumi l-kunjom ta' missierha ghaliex mill-atti jirrizulta li diga` tezisti relazzjoni bejn l-attur u l-minuri, oltre ghall-fatt li jidher li ta' lanqas recentement, huwa kellu access regolari ghal bintu. F'kull kaz il-Qorti tqis li l-fatt li l-attur dam ma rregola l-posizzjoni legali tieghu dwar il-paternita` tal-minuri ma jnaqqas xejn mill-appikabbilita` tal-ligi in materja fuq citata, u tqis ulterjorment li ma gie ppruvat b'ebda mod li ser jigi rrekat xi pregudizzju ghaliex il-minuri tassumi kunjom missierha.

Madanakollu, billi huwa car illi l-konvenuta trid li l-minuri jkollha wkoll il-kunjom "Z", il-Qorti, anke b'applikazzjoni tad-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2016, tqis illi wara l-kunjom tal-attur ghandu jizdied il-kunjom ta' omm il-minuri, cioe` "Z". Ghalhekk il-Qorti tordna li kunjom il-minuri K ghandu jkun "Y Z" u tordna illi l-att tat-twelid taghha jigi emendat sabiex ikun jirrifletti din l-ordni.

B'referenza ghar-raba' eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, jirrizulta illi din giet sorvolata bid-dikjarazzjoni registrata waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2017 dwar il-konnotati ta' l-attur.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti hija tal-fehma illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, b'mod partikolari tal-fatt illi z-zewg genituri kellhom kontribut fid-dewmien ghal tali rikonoxximent, partikolarment meta t-testijiet genetici li jistabbilixxu l-paternita` ta' l-attur tal-minuri saru fis-sena 2008, l-ispejjez ghandhom jithallsu ugwalment bejniethom.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuta u tiddisponi mill-kumplament tal-eccezzjonijiet sew tal-konvenuta kif ukoll tal-konvenut Direttur bil-mod kif hawn deciz;

1. Tilqa` l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-attur X Y huwa l-missier naturali tal-minuri K Z;

2. Tilqa` t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid tal-minuri bin-numru 631/2008[2], huwa jikkancella l-kliem "*unknown father*" mill-kolonna u fir-ringiela indikati "Taghrif dwar Missier it-Tarbija" u " Isem u Konjum tal-Missier" u jissostitwixxihom bil-kliem "X Y", bil-konnotati kollha ta' l-istess attur kif indikati a fol 31 tal-process.

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "Y Z".

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal nofs mill-attur X Y u in kwantu ghal nofs mill-konvenuta T Z.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

[2] Doc. 1 a fol. 5.